# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Settembru, 2017**

**Avviz tat-Talba numru: 542 / 2016**

**GO P.L.C.**
**[REG NRU. C-22334]**

***VERSUS***

**HALAS NENAD**
**[PASSAPORT NRU. 01008682]**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-18 ta' Novembru, 2016 fejn is-Socjetà Attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn, tlett mija, tlieta u hamsin ewro u sitta u sittin ewro centezmi (€2,353.66c) rapprezentanti provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni kif ahjar deskritt fl-istess imsemmi Avviz tat-Talba. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghax.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-23 ta' Jannar, 2017;

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher personalment (jew tramite rapprezentant tieghu) ghas-smigh ta' dan il-procediment;

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha mressqa;

Sema lir-rapprezentant tas-socjetà attrici fl-udjenza tal-llum stess fejn gie konfermat bil-gurament li l-ammont reklamat mis-socjetà attrici ghadu dovut fl-intier tieghu mill-konvenut;

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda.*"

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.*"

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, l-konvenut gie debitament notifikata bl-atti processwali hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenza tat-22 ta' Settembru, 2017 u la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici (la fl-udjenza tat-22 ta' Settembru, 2017 u lanqas f'dik tal-llum stess).

Jirrizulta li t-talba tas-socjetà attrici hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjetà attrici ma ghandux mis-sewwa.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjetà attrici huwa dovut mill-konvenut.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjetà attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' elfejn, tlett mija, tlieta u hamsin ewro u sitta u sittin ewro centezmi (€2,353.66c), bl-imghaxijiet legali kif mitlub fl-att promotur (i.e., mit-18 ta' Novembru, 2016) sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha tal-proceduri huma a kariku tal-konvenut.

***ft.*** **AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
***Gudikatur***

***ft.*** **ADRIAN PACE**
***Deputat Registratur***